PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIZORJU
2007/2092(INI)

12.6.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-kapaċità u l-*ground handling* ta' l-Ajruporti: lejn politika iktar effiċjenti

(2007/2092(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Philip Bradbourn

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Ifakkar li l-promozzjoni tal-ħelsien, id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u s-sigurtà u f'dan il-kuntest il-ħarsien tad-data personali, hija parti ewlenija mill-politika ta' l-Unjoni Ewropea;

2. Jisħaq li l-prinċipju tal-proporzjonalità huwa wieħed mill-prinċipji li l-Unjoni Ewropea timxi fuqu;

3. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-ambizzjoni tagħha li żżid l-effiċjenza tal-loġistika interna ta' l-ajruporti iżda jissuġġerixxi li din tkun limitat għall-intraċċjar (*tracking*) ta' bagalji u merkanzija biss;

4. Iqis, madanakollu, li l-introduzzjoni ta' Tagħmir ta' Identifikazzjoni permezz ta' Frekwenza tar-Radju (RFID) fil-karti ta' l-imbarkament għall-passiġġieri individwali tkun ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u kif ukoll potenzjalment ksur tal-privatezza tad-data personali;

5. Jinsab imħasseb dwar il-ġbir u l-ħażna ta' data personali li tista' twassal għal "*people profiling*" u biex dan t'hawn fuq jiġi estiż għal oqsma oħra ta' sorveljanza;

6. Jinsab imħasseb dwar l-aċċessibilità għal din l-informazzjoni minn entitajiet differenti jew organizzazzonijiet kif ukoll dwar it-tul ta' ħażna possibbli ta' data;

7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq analiżi tar-riskju u/jew Evalwazzjoni ta' l-Impatt qabel kwalunkwe deċiżjoni li trid tittieħed.